**Dispożittiv**

1) *Ir-reikors huwa miċħud.*

2) *Technion – Israel Institute of Technology u Technion Research & Development Foundation Ltd huma kkundannati għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 340, 19.11.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Mejju 2015 – Ternavsky vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-163/12)** ([1])

***("Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi diretti kontra l-Bjelorussja — Iffriżar ta' fondi — Restrizzjonijiet ta' dħul u ta' tranżitu fit-territorju tal-Unjoni — Żball ta' evalwazzjoni")***

(2015/C 213/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Anatoly Ternavsky (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: inizjalment minn C. Rapin u E. Van den Haute, avukati, sussegwentement minn G. Berrisch, A. Polcyn, avukati, u N. Chesaites, barrister, u finalment minn G. Berrisch)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Naert u M.-M. Joséphidès, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/171/PESK, tat-23 ta' Marzu 2012, li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (ĠU L 87, p. 95), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru°265/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja (ĠU L 87, p. 37), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/534/PESK, tad-29 ta' Ottubru 2013, li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (ĠU L 288, p. 69), tar-Regolament ta' Implimentezzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1054/2013, tad-29 ta' Ottubru 2013, li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja (ĠU L 288, p. 1), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/24/PESK, tal-20 ta' Jannar 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (ĠU L 16, p. 32), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 46/2014, tal-20 ta' Jannar 2014, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja (ĠU L 16, p. 3), sa fejn dawn jirrigwardaw lir-rikorrent.

**Dispożittiv**

1) *Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/171/PESK, tat-23 ta' Marzu 2012, li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 265/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/534/PESK, tad-29 ta' Ottubru 2013, li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja, u r-Regolament ta' Implimentezzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1054/2013, tad-29 ta' Ottubru 2013, li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja, sa fejn dawn jirrigwardaw lil A. Ternavsky, huma annullati.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll in-nofs tal-ispejjeż ta' A. Ternavsky fil-kuntest ta' din l-istanza.*

4) *A. Ternavsky għandu jbati n-nofs tal-ispejjeż tiegħu fil-kuntest ta' din l-istanza. Huwa għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk tal-Kunsill fil-kuntest tal-proċeduri għal miżuri provviżorji.*

---

(1) ĠU C 157, 2.6.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Mejju 2015 – Harper Hygienics vs UASI – Clinique Laboratories (CLEANIC natural beauty)**

**(Kawża T-363/12)** (1)

***[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva CLEANIC natural beauty — Trade marks Komunitarji verbali preċedenti CLINIQUE — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tal-prodotti u tas-servizzi — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009”]***

(2015/C 213/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Harper Hygienics S.A. (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentanti: inizjalment R. Rumpel, sussegwentement D. Rzążewska u G. Pietras, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Clinique Laboratories, LLC (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: inizjalment V. von Bomhard, A. Renck, avukati, u K. Hughes, solicitor, sussegwentement K. Hughes)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-25 ta' Mejju 2012 (Każ R 1134/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Clinique Laboratoires, LLC u Harper Hygienics S.A.

## Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Harper Hygienics S.A. hija kkundannata tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u Clinique Laboratoires, LLC.*

---

(1) ĠU C 355, 17.11.2012.